32006D0724

26.10.2006 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 296/23

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-25 ta' Ottubru 2006

li tirrevoka d-Deċiżjoni 2004/262/KE dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni dwar żwiemel reġistrati li ġejjin mill-Afrika t'Isfel

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 5020)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/724/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE [1], u partikolarment l-Artikolu 18(7) tagħha,

Billi:

(1) L-ammissjoni temporanja u l-importazzjoni taż-żwiemel rreġistrati mill-Afrika t'Isfel kienu awtorizzati bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KE tas-6 ta' Jannar 2004 li li tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi u ta' partijiet mit-territorju tagħhom li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' equidae ħajjin u ta' semen, ova u embrijoni ta' l-ispeċi ekwina, u li temenda d-Deċiżjonijiet Nru 93/195/KEE [2] u 94/63/KE sakemm ikun hemm konformità ma' ċerti kundizzjonijiet,

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/262/KE tas-17 ta' Marzu 2004 dwar ċerti miżuri ta' protezzjoni dwar żwiemel reġistrati li ġejjin mill-Afrika t'Isfel [3] kienet addottata f'rispons għat-tifqigħat tal-marda Afrikana taż-żwiemel li kienu qed jinżammu fi ħdan iż-żona ta' sorveljanza tal-marda Afrikana taż-żwiemel tal-Provinċja tal-Kap tal-Punent.

(3) F' Marzu 2005, il-Kummissjoni għamlet missjoni ta' spezzjoni veterinarja tas-saħħa ta' l-annimali fl-Afrika t' Isfel, inkluż, b'mod partikolari il-Kap tal-Punent, biex tevalwa l-miżuri li ttieħdu għall-kontroll tat-tifqigħat tal-marda Afrikana taż-żwiemel. Mit-28 ta' Marzu 2004 ma kien hemm l-ebda każ ieħor ta' din il-marda.

(4) L-Afrika t' Isfel infurmat lill-Kummissjoni bir-riżultat sodisfaċenti ta' servej dwar l-annimali selvaġġi suxxettibbli, li kien komplet biex jaċċerta l-assenza ta' ċirkolazzjoni tal-vajrus f'dik iż-żona.

(5) Il-miżuri ta' protezzjoni għalhekk għandhom japplikaw u d-Deċiżjoni 2004/262/KE għandha tiġi rrevokata.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2004/262/KE hija rrevokata.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom minnufih jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni u jippubblikaw dawk il-miżuri. Huma għandhom jinfurmaw immedjatament lill-Kummissjoni dwar dan.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar il-25 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56. Direttiva hekk kif emendata mill-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

[2] ĠU L 73, 11.3.2004, p. 1.

[3] ĠU L 81,19.3.2004, p. 86.